**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru: 2766**

Kaz Numru: 3809/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Josef Zammit (ID 384580M)

u

Malta Freeport Terminals Limited

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum il-Hamis 7 t'Ottubru, 2021**

## Ir-Rikors u Dikjarazzjoni Mahlufa

Permezz ta' rikors li wasal ghand it-Tribunal nhar il-4 ta' Dicembru 2019 is-Sur Josef Zammit allega li l-impjieg tieghu kien itterminat mis-Socjeta` konvenuta minghajr ebda raguni valida skont il-Ligi u talab lit-Tribunal jiddeciedi li r-Rikorrent jerga jidhol fl-impjieg jew li jerga jigi mpjegat mis-Socjeta` mid-data tat-tkeccija[1]; inkella jillikwida somma ta' kumpens ghat-tkeccija u jordna lis-Socjeta` thallas tali somma lir-Rikorrent, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Is-Sur Zammit spjega li fil-5 ta' Awissu 2019 huwa talab gurnata *leave*, t-talba ma ntlaqghetx, aktar tard fl-istess jum informa lis-Socjeta` li kien marid u ghalhekk ma setax jirraporta ghax-xoghol. Huwa ghamel hekk biex ma jihux aktar *sick leave*.

[1] Fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021 r-Rikorrent irtira t-talba li jerga' jidhol fl-impjieg jew li jerga' jigi mpjegat mis-Socjeta`.

Dakinhar stess it-tabib tas-Socjeta` zar ir-residenza tar-Rikorrent izda r-Rikorrent ma fetahlux peress illi ma semghux ihabbat fuq il-bieb u l-qanpiena tad-dar ma kenitx qed tahdem.

Siegha wara z-zjara tat-tabib tal-Kumpanija r-Rikorrent halla messagg lis-Socjeta` biex jinfurmaha li huwa kien sejjer jara tabib fic-Centru tas-Sahha.

Ic-Centru ccertifika illi s-Sur Zammit ma kienx tajjeb ghax-xoghol qabel it-8 ta' Awissu 2019.

Il-*Board* tad-Dixxiplina tas-Socjeta` sabu lir-Rikorrent hati ta' abbuz tal-Iskema tas-*Sick Leave* tas-Socjeta`.

Is-Sur Zammit appella mid-decizjoni. Is-Socjeta` semghet l-appell fit-18 ta' Settembru 2019 u baqghet ma nfurmatux bid-decizjoni.

It-tkeccija kienet mizura estrema, sproporzjonata, u ngusta meta tqis illi l-incident kien biss it-tieni wiehed li ma fetahx lit-tabib tas-Socjeta` fit-tmintax il sena li ghamel mas-Socjeta`

Meta matul l-impjieg tieghu mas-Socjeta` huwa ma setax jirraporta ghax-xoghol, dan kien minhabba li kien kostrett jiehu hsieb it-tifla tieghu peress illi huwa *single parent*.

**Id-Dikjarazzjoni tal-Kaz min-naha tas-Socjeta`**

Ir-Rikorrent beda jahdem mas-Socjeta` nhar it-13 ta' Novembru 2001 fil-grad ta' *Operations Clerk*.

L-impjieg tieghu kien itterminat nhar il-4 ta' Settembru 2019.

Is-Socjeta` thallas flejjes kbar biex jintbaghat tabib izur lill-impjegati li ma jkunux jifilhu jmorru ghax-xoghol.

Il-Ftehim Kollettiv jezigi li kull min icempel biex jgharraf lis-Socjeta` li ma jistax jidhol ghax-xoghol minhabba li hu marid ghandu jistenna lit-tabib tas-Socjeta` sal-*2200 hrs*.

Apparti li cempel il-qanpiena tal-bieb tad-dar tas-Sur Zammit, it-tabib habbat il-bieb.

Fl-2016 ir-Rikorrent kellu kaz simili fejn it-tabib zaru u hadd ma fetahlu. F'dak il-kaz il-*Board* tad-Dixxiplina ddecieda li s-Sur Zammit jinghata twissija finali bil-miktub u sospensjoni mix-xoghol ta' tmint'ijiem.

Xoghol is-Sur Zammit kien illi jkun f'kabina taht *quay crane* jirregistra taghrif dwar l-operat. Fin-nuqqas ta' tali *Clerk*, is-Socjeta` jkollha twaqqaf *crane*, u dan jirrizulta f'danni, u telf ta' reputazzjoni, specjalment minhabba li l-ghadd ta' *cranes* ikun miftiehem mal-klijent minn qabel.

Fl-2017 is-Sur Zammit kellu kaz simili fejn talab ghal-*leave*, ma nghatalux, u ma rrapurtax ghax-xoghol. Il-*Board* ta' dixxiplina kien iddecieda li r-Rikorrent jinghata sospensjoni mix-xoghol ta' tmien gimghat, liema decizjoni kienet ikkonfermata fil-*Board* tal-Appell tas-Socjeta`. Ghal darb'ohra dal-incident kellu jkun l-ahhar cans ghas-Sur Zammit biex isalva l-impjieg tieghu billi juri l-impenn mehtieg.

Il-Ftehim Kollettiv iqis illi jekk it-tabib tas-Socjeta` ma jkunx sab lill-impjegat id-dar, l-impjegat "jitqies assenti u … jistghu jittiehdu passi dixxiplinari kontrih". Ir-*record* tar-Rikorrent mas-Socjeta` juri ncidenza kbira ta' assenteizmu.

Il-proceduri tas-Socjeta` qeghdin hemm biex jiggarantixxu stabbilta` fl-impjieg tal-impjegati kollha tas-Socjeta`.

Fejn setghet, is-Socjeta` akkomodat lis-Sur Zammit ghall-fatt illi huwa kien *single parent*. Meta rrifjutatlu l-*leave* kien minhabba nuqqas ta' haddiema. Is-Socjeta` kienet irrangatlu, ghal xi zmien, biex jahdem *day shift* biss minflok jahdem bir-*roster* ix-*shifts* ta' filghaxija u ta' bil-lejl. Taghtu wkoll il-facilita` li jiehu *leave* gurnata gurnata minflok illi jiehu *leave* fi blokka kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv.

Is-Socjeta` qieset lis-Sur Zammit bhala nkorreggibbli. Ghalhekk itterminatlu l-impjieg, decizjoni gusta.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

L-akkuza quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina tas-Socjeta` kienet illi t-tabib tas-Socjeta` zar lis-Sur Zammit fir-residenza tieghu izda ma fetahlu hadd, u dan fid-dawl illi dakinhar stess is-Socjeta` rrifjutat talba tar-Rikorrent biex jiehu x-*short notice leave* u ftit minuti wara tali cahda rraporta li ma kienx jiflah u li ghalhekk ma setax jattendi ghax-xoghol[2].

Fir-rigward jekk ir-Rikorrent kienx id-dar jew le meta zaru t-tabib, is-sottomissjonijiet lit-Tribunal huma nkonsistenti.

Waqt illi kienet quddiem il-*Board* tad-Dixxiplina tassisti lir-Rikorrent l-Avukat qalet illi r-Rikorrent kien fic-Centru tas-Sahha x'hin it-tabib tas-Socjeta` habbat

[2] Dok. C

il-bieb tad-dar tas-Sur Zammit. Dr John Mizzi, it-tabib tas-Socjeta` li zar lir-Rikorrent, xehed illi huwa cempel il-qanpiena u habbat mal-bieb ta' barra tar-Rikorrent fis-7 pm.[3] Izda d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-Rikorrent tghid illi s-Sur Zammit telaq lejn ic-Centru tas-Sahha wara t-8 pm.!

It-Tribunal mhux se jispekula x'setghet kienet il-vera narrativa tal-fatti.

Certament, is-Sur Zammit seta' gharraf lis-Socjeta` li l-qanpiena tal-bieb ma kenitx qed tahdem halli t-tabib, malli jasal id-dar tar-Rikorrent, icempillu fuq il-*mobile*; seta' wkoll ihalli tali nota mal-bieb ta' barra ghat-tabib.

Huwa fatt illi hadd ma fetah lit-tabib.

It-Tribunal jirrizultalu li l-Kaz mhux kwistjoni dwar il-genwinita` tac-certifikat mediku.

Il-pern tal-Kaz huwa li rrispettivament minn tali genwinita`, il-Ftehim Kollettiv li jiggverna l-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-Rikorrent jezigi li biex l-assenza ta' mpjegat tkun awtorizzata minhabba mard, il-mard jenhtieg ikun iccertifikat mit-tabib tas-Socjeta`. Il-Ftehim Kollettiv jistipula wkoll[4] li, "Fejn … hadd ma jiftah il-bieb tad-dar lit-tabib, dan jitqies assenti u … jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji kontrih."

L-incident tal-5 ta' Awwissu 2019 huwa dwar in-nuqqas ta' aderenza mal-procedura rikjesta mis-Socjeta` fir-rigward tal-iskema tat-tehid tal-*leave* ghall-mard.

Dal-incident, li rrizulta fit-tkeccija, kien l-ahhar f'sensiela twila ta' kazi ta' dixxiplina kontra r-Rikorrent u li f'kull kaz ingibdet l-attenzjoni tar-Rikorrent biex itejjeb ir-*record* industrijali tieghu ghaliex inkella jkollu jiffaccja konsegwenzi horox.

Dok. JC2 juri r-*record* dixxiplinarju tar-Rikorrent matul l-impjieg tieghu mas-Socjeta`. Izda t-Tribunal se jiehu in kunsiderazzjoni biss il-mizuri li se jidhru hawn aktar 'l isfel u cioe` a u b u minn i sa v, u dan skont il-Ftehim Kollettiv kif spjegat fil-paragrafu li gej.

Il-proceduri tad-dixxiplina fil-Ftehim Kollettiv[5], filwaqt illi jsemmu liema ghandhom jigu kkunsidrati t-twissijiet illi jkunu nghataw fil-passat, ma teskludix

[3] Pagna 2 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 u Dok. B1
[4] Artiklu 4.5 tal-Ftehim
[5] Dok. MFT 1, Artiklu 8.2

illi ssir referenza wkoll ghal kazi ta' sospensjoni mill-impjieg, minghajr hlas, illi jkunu nghataw qabel l-aggravju in kwistjoni.

Ghalhekk it-Tribunal iqis:

(a) it-twissija bil-miktub mahruga f'April 2019 u jumejn sospensjoni peress illi s-Sur Zammit ma attendiex ghas-sahra fis-17 tal-istess xahar[6], u

(b) it-twissija bil-miktub li harget fit-13 ta' Awwissu 2018 kif ukoll is-sospensjoni ta' gurnata, talli ma rrapurtax ghax-xoghol nhar id-9 ta' Awwissu 2018[7],

u jqis wkoll is-sospensjonijiet li ilhom aktar minn sena mill-incident tal-5 ta' Awwissu 2019 u cioe` s-sospensjoni ta':

(i) tminn gimghat skont id-decizjoni tal-15 ta' Jannar 2018[8],

(ii) gimgha f'Awwissu 2016, minhabba li hadd ma fetah il-bieb tad-dar tar-Rikorrent meta t-tabib tas-Socjeta` zar ir-residenza tieghu[9],

(iii) tlett ijiem f'Lulju 2012 minhabba assenza mix-xoghol minghajr awtorizzazzjoni[10],

(iv) gurnata w nofs f'Dicembru 2011, minhabba li s-Sur Zammit ma attendiex ghas-sahra[11], u

(v) jumejn f'Jannar 2002, talli ma dahalx ghax-xoghol[12].

Meta kien sospiz ghal tminn gimghat fl-2018 inghata, "l-ahhar cans sabiex isalva l-impjieg tieghu u l-ghixien tal-familja billi juri aktar dixxiplina w impenn. Il-konsegwenzi logici ghan-nuqqas tieghu huma ovvji.[13]" Minkejja tali avvertiment u appell biex joqghod hafna izjed attent minhabba li kien qed jipperikola l-impjieg, spicca biex inghata sospensjoni ohra seba' xhur wara[14], kif ukoll sospensjoni ohra[15] tminn xhur wara din tal-ahhar!

Dan kollu juri l-inkorriggibilita` tas-Sur Zammit. Huwa assenteizmu kroniku li mhux accettabbli specjalment f'azjenda kummercjali li l-ezistenza taghha u

---

[6] Dok. F1
[7] Dok. F2
[8] Dok. D
[9] Dok. F7
[10] Dok. F11
[11] Dok. F12
[12] Dok. F24
[13] Dok. D
[14] (b) ta' qabel dal-paragrafu
[15] (a) ta' qabel dal-paragrafu

kwindi l-ghixien ta' tant impjegati u l-familji taghhom, jiddependu minn kemm jirnexxilha tikkompeti b'success fi swieq internazzjonali. Filwaqt illi min ihaddem huwa mistenni li jaghmel illi jista' biex jghin lill-impjegati meta jkunu ghaddejjin minn zminijiet difficli fil-hajja personali taghhom, tali ghajnuna ma tistax issir jekk din tohloq piz illi jkun ta' dannu serju ghall-organizazzjoni tax-xoghol tal-azjenda. Is-Socjeta` agevolat lir-Rikorrent meta setghet u, sa certu punt, dan kien rikonoxxut mis-Sur Zammit.

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu r-Rikorrent irrefera ghad-decizjoni tal-Kaz nru 3217/FM. It-Tribunal ma jqisx illi tali Kaz u l-Kaz odjern huma komparabbli. Fil-Kaz tal-ewwel is-sustanza kienet dwar jekk kienx ippruvat illi r-rikorrent ta' dak il-Kaz kien avza lis-Socjeta` li ma kienx se jattendi ghax-xoghol. Dak ir-rikorrent tkecca ghaliex is-Socjeta` sostniet illi ma kenitx infurmata b'tali intendiment ta' assenza min-naha tar-rikorrent. Matul il-process tas-smiegh tat-Tribunal ir-rikorrent ipprezenta l-prova li filfatt kien baghat messagg digitali lis-Socjeta` dwar l-assenza tieghu. It-Tribunal li sema' dak il-Kaz iddecieda li galadarba kienet ingabet il-prova li r-rikorrent kien qeda dmiru skont il-procedura mitluba, ir-*record* illi r-rikorrent kellu mas-Socjeta` kien irrilevanti.

Fil-Kaz odjern il-fatt krucjali huwa li l-*leave* tal-mard ma kienx awtorizzat mit-tabib tal-Kumpanija. Dal-fatt mhux michud.

Jigifieri l-aggravju min-naha tar-Rikorrent sar. U d-decizjoni tat-tkeccija kienet skont id-Decizjoni tal-*Board* tad-Dixxiplina tas-Socjeta` liema Decizjoni rreferiet "ghar-*record* dixxiplinarju tal-akkuzat …. Iqis illi l-akkuzat matul is-snin inghata diversi opportunitajiet sabiex jirranga l-atteggjament tieghu." Is-Socjeta` sostniet anki fis-sottomissjonijiet finali taghha li kieku ma kellux twissijiet serji qabel l-incident tal- 5 ta' Awwissu 2019 is-Socjeta` ma kenitx tkecci lir-Rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal isib illi tali konsiderazzjoni min-naha tas-Socjeta`, fil-kaz odjern, kienet sana u f'lokha.

**Decizjoni**

It-Tribunal, wara li fela d-dokumentazzjoni, x-xiehda, u s-sottomissjonijiet finali, u ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija tas-Sur Josef Zammit minn ma' Malta Freeport Terminals Ltd kienet gusta u ghalhekk ma hemmx lok ta' kumpens lir-Rikorrent mis-Socjeta`.

It-Tribunal ma setax jasal ghal decizjoni fi zmien aqsar, u dan ghal ragunijiet amministrattivi, u differimenti.

Ghall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet huma ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jinghalaq dal-Kaz.

**(iffirmata)**

Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju